## Taqsima B

**Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin. Din it-Taqsima fiha 50 marka. Jekk jogħġbok, indika t-total ta' kliem li tkun ktibt.**

1. Waqt attività tal-massa li int attendejt għaliha kont qed tieħu pjaċir bl-atmosfera. Biss fid-daqqa u l-ħin koppja li dehret xurbana sew bdiet titbellah b'mod li dejqet lil ta' madwarha tant li dawn ma felħux iżjed u b'hekk qamet ġlieda. F'madwar **350 kelma** ddeskrivi x'ġara u kif aġġixxejt int.

2. "Kont mgħaġġel minħabba l-appuntament li kelli l-isptar. Wieħed jista' jimmaġina l-frustrazzjoni tiegħi meta quddiem il-garaxx ...". F'madwar **350 kelma** kompli rrakkonta x'ġara sewwa sew.

**Total: 100 marka**

TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA, MALTA

# Eżami għall-Pożizzjoni ta' Uffiċjali Korrettivi fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** Il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2019

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet, Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Aqra s-silta sew li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

**Ittri u Żjarat:**

L-ittri/il-kommunikazzjoni bil-miktub kollha li jirċievi jew jibgħat priġunier, jistgħu jinqraw jew ikunu eżaminati mid-Direttur jew rappreżentant tiegħu. Kull ittra jew komunikazzjoni tista' tinżamm/titwaqqaf jekk il-kontenuti tagħha jkunu meqjusa oġġezzjonabbli jew ta' tul eċċessiv.

Priġunier jista' jirċievi żjarat bil-kunsens tad-Direttur. Kull żjara lil priġunier għandha ssir fil-kontroll, vista u/jew smigħ ta' Uffiċjal Korrettiv. L-ebda oġġetti ma jistgħu jkunu mibdula bejn priġunier u viżitatur matul xi żjara mingħajr l-approvazzjoni tad-Direttur.

Priġunier arrestat jista' jibgħat u jirċievi ittri u żjarat kif permess mill-awtoritajiet tal-Faċilità, u wara approvazzjoni mill-Qorti u/jew mill-Pulizija (prosekutur) u/jew l-Avukat Ġenerali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' ittri, priġunieri arrestati huma permessi li jibagħtu tliet ittri u jirċievu tliet ittri f'ġimgħa waħda. F'dak li għandu x'jaqsam ma' żjarat, priġunieri arrestati huma permessi li jkollhom żewġ żjarat ta' kuntatt ta' 45 minuta kull waħda, kull ġimgħa. Fi ġranet oħra (mit-Tnejn sal-Ġimgħa), huma permessi li jkollhom żjara waħda mhux ta' kuntatt, ta' 15-il minuta kull waħda, kuljum.

Priġunieri ssentenzjati jistgħu jibagħtu u jirċievu ittra kif jidħlu fil-Faċilità u, wara, darba fil-ġimgħa. Huma jistgħu wkoll jirċievu żjara darba fil-ġimgħa.

Id-dritt ta' priġunier għal żjara jista' jkun diferit matul u sakemm jiskadi l-perjodu ta' iżolament fiċ-ċella. In-numru ta' viżitaturi u t-tul taż-żjarat huma rregolati mill-awtoritajiet tal-Faċilità.

Priġunieri li huma ċittadini barranin jistgħu jingħataw faċilitajiet raġonevoli biex jikkomunikaw mar-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-istat li huma jagħmlu parti minnu. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-priġunieri huma mħeġġa biex jirreferu għall-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Priġunieri.

Telefonati mill-priġunieri għandhom jitqiesu bħala privileġġ. It-telefowns kollha fi ħdan il-Faċilità huma mgħammra għall-immonitorjar u l-irrekordjar ta' konversazzjonijiet. Id-Direttur jista' jiddetermina l-frekwenza u t-tul tat-telefonati magħmula minn jew li jirċievu priġunieri.

Il-viżitaturi kollha lejn il-Faċilità huma meħtieġa li jgħaddu minn tfittxija fuq il-ġisem tagħhom, inklużi xi u kull oġġett personali li jdaħħlu magħhom fil-jum taż-żjara, kif ordnat mill-awtoritajiet tal-Faċilità. Kull persuna li tirrifjuta milli tissottometti ruħha għal din it-tfittxija, ma titħallhiex tidħol fil-Faċilità u tagħmel iż-żjara.



**Mistoqsijiet:**

*Għall-mistoqsijiet 1 sa 5 immarka t-tweġiba t-tajba:*

1. Minn min jistgħu jinqraw l-ittri u l-komunikazzjonijiet li jirċievu l-priġunieri?
   a. L-Uffiċjali għassa mal-bieb tal-ħabs.
   b. Mid-Direttur jew ir-rappreżentant tiegħu.
   c. L-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Priġunieri.
   d. Kull Uffiċjal fil-Faċilità. (5 marki)
2. Kif għandha ssir kull żjara lill-priġunier?
   a. Jitħalla waħdu.
   b. Għandha ssir fil-kontroll, vista u/jew smigħ ta' Uffiċjal Korrettiv.
   c. Għandha ssir fiċ-ċella tal-priġunier.
   d. Għandha ssir fil-preżenza ta' tliet gwardjani. (5 marki)
3. F'dak li għandu x'jaqsam ma' ittri, priġunier arrestat
   a. ma jistax jibgħat ittri.
   b. jista' jibgħat ittra waħda.
   c. huwa permess li jibgħat tliet ittri u jirċievi tliet ittri f'ġimgħa waħda.
   d. ma jistax jimposta ittri waħdu. (5 marki)
4. X'jista' jagħmel priġunier issentenzjat?
   a. Jista' jibgħat u jirċievi żewġ ittri kif jidħol fil-Faċilità u, wara, tliet darbiet fil-ġimgħa.
   b. Jista' jibgħat u jirċievi ittra waħda kif jidħol fil-Faċilità u, wara, darba fil-ġimgħa.
   c. Jista' jibgħat ittri kemm irid.
   d. Jista' jibgħat sa ittra kuljum. (5 marki)
5. Il-viżitaturi kollha lejn il-Faċilità huma meħtieġa
   a. li jigu nhar ta' Ħadd biss.
   b. li jgħaddu minn tfittxija fuq il-ġisem tagħhom.
   c. li jġibu l-karta tal-identità.
   d. li jinfurmaw lill-priġunieri bil-mowbajl. (5 marki)
6. Minn min huma rregolati n-numru ta' viżitaturi u t-tul taż-żjarat? (4 marki)
7. Għaliex priġunieri li huma ċittadini barranin jistgħu jitħallew faċilitajiet raġonevoli? (4 marki)
8. Spjega x'tip ta' kontroll hemm fuq it-telefonati mill-ħabsin. (6 marki)
9. X'taħseb li hi r-raġuni li l-viżitaturi kollha lejn il-Faċilità huma meħtieġa li jgħaddu minn tfittxija fuq il-ġisem tagħhom, inklużi xi/kull oġġett personali li jdaħħlu magħhom fil-jum taż-żjara? (6 marki)
10. Liema priġunieri huma mħeġġa biex jirreferu għall-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Priġunieri? (5 marki)